MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 155/2008

**Polinesh Limited (C21929)**

**vs**

**Anthony Vassallo**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef mitejn u wiehed u erbghin Ewro u sitta u hamsin cetnezmu (€4241.56) oltre taxxa fuq valur mizjud, bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' fornitura ta' materjal lill-intimat mis-socjeta` rikorrenti;**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ngunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fil-5 ta' Novembru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Anthony Vassallo jhallas lill-istess socjeta` rikorrenti s-somma ta' erbat elef mitejn u wiehed u erbghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€4241.56);**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat Anthony Vassallo.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------